31994R1275

3.6.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 140/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1275/94
tat-30 ta' Mejju 1994
dwar aġġustamenti għall-arranġamenti fil-kapitli dwar is-sajd fl-Att ta' l-Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 162 u 350 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (1),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (2),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (3),

Billi l-Artikoli 162 u 350 ta' l-Att ta' Adeżjoni jiddisponu li, fuq il-bażi ta' rapport mibgħut mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni u l-prospetti li jikkonċernaw is-sajd fil-Komunità, kull aġġustamenti fis-settur tas-sajd li jkun hemm bżonnhom u li jridu jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996 għandhom jiġu adottati qabel il-31 ta' Diċembru 1993;

Billi l-prinċipji li fuqhom għandhom jiġu bażati l-aġġustamenti fuq livell ta' Komunità għandhom jiġu preskritti, sabiex l-Istati Membri ikunu jistgħu jiżguraw l-implimentazzjoni tagħhom;

Billi d-diposizzjonijiet il-ġodda jridu jagħmlu possibbli l-integrazzjoni sħiħa ta' Spanja u l-Portugall fl-iskema ġenerali tal-politika komuni tas-sajd u jridu jkunu totalment konformi ma' l-*acquis communautaire*, b'mod partikolari dwar il-prinċipji ta' stabbilità relattiva u l-eċċezzjonijiet għall-prinċipju ta' aċċess liberu għall-ibħra kif preskritt fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3760/92 ta' l-20 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi sistema fil-Komunità għas-sajd u l-akwakultura (4);

Billi, biex jiġi evitat ir-riskju ta' disturb tal-bilanċi kurrenti fiż-żoni u r-riżorsi konċernati u għal raġunijiet ta' sigurtà legali, hu essenzjali li l-aċċess liberu għall-bastimenti kollha tas-sajd tal-Komunità għal ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità u l-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri ikun akkumpanjat bid-dħul fis-seħħ fl-istess ħin ta' miżuri tal-Komunità li jippreskrivu l-kondizzjonijiet li taħthom jingħata l-aċċess għaż-żoni u r-riżorsi; billi jirriżulta li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 u 3 ta' dan ir-Regolament iridu jidħlu fis-seħħ flimkien; billi aċċess għal ibħra irid ikun akkumpanjat minn sorveljanza tal-kapaċità għas-sajd li tkun tintuża, biex ikun żgurat li l-mezzi in kwistjoni ikunu adattati għar-riżorsi disponibbli;

Billi dawn l-aġġustamenti ma jridux jinvolvu żieda fil-livelli ġenerali ta' l-isforz għas-sajd eżistenti għal kull diviżjoni ta' l-ICES u l-CECAF u lanqas ma jridu jaffettwaw ir-riżorsi suġġetti għal restrizzjonijiet ta' qbid;

Billi hu essenzali li jinżamm il-bilanċ tar-riżorsi f'żoni sensittivi ħafna bħal m'hi dik li qiegħda fin-nofsinhar tal-latitudni tramuntana 56°30′ T, lvant tal-lonġitudni 12° P u t-tramuntana tal-latitudni 50°30′ T, diviżjoni X ta' l-ICES lejn it-tramuntana ta' 36°30′ T u ż-żona CECAF lejn it-tramuntana ta' 31° T u fit-tramuntana ta' dak il-parallel għal-lvant ta' 17°30′ P; billi s-sensittività ta' dawn iż-żoni titlob monitoraġġ sew ta' l-iżvilupp ta' l-isforz għas-sajd li jintuża u ta' l-istat tar-riżorsi biex ikunu jistgħu jittieħdu l-miżuri meħtieġa, fejn xieraq, biex ikun priservat il-bilanċ:

Billi l-aġġustamenti jridu jqisu, fuq bażi ta' każ każ, il-kondizzjonijiet ġeografiċi, ġeomorfoloġiċi u bijoloġiċi ta' kull reġjun marittimu tal-Komunità biex ikun jista' jikkontribwixxi għad-dħul ta' sajd b'responsabbiltà u għall-priservazzjoni tal-ħtiġijiet individwali ta' reġjuni fejn l-iżvilupp soċjo-ekonomiku tal-popolazzjoni lokali ikun jiddependi partikolarment mill-industriji tas-sajd u dawk relatati magħhom;

Billi l-bilanċ ta' relazzjonijiet kontrattwali fis-sajd ma' ċerti pajjiżi terzi għandu jibqa' priservat;

Billi hu meħtieġ li jkun implimentat kontroll effettiv li jiggarantixxi konformità sħiħa ma' miżuri tal-Komunità dwar dan is-suġġett,

(1) ĠU C 321, tas-27.11.1993, p. 14; u ĠU C 92, tad-29.3.1994, p. 1.
(2) ĠU C 20, ta' l-24.1.1994.
(3) ĠU C 34, tat-2.2.1994, p. 72.
(4) ĠU L 389, tal-31.12.1992, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'effett mill-1 ta' Jannar 1996, l-arranġamenti dwar l-aċċess għal ibħra u riżorsi preskritti fl-Artikoli 156 sa 166 u 347 sa 353 ta' l-Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall għandhom jiġu aġġustati u inkorporati fil-miżuri tal-Komunità previsti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament, li japplikaw għall-bastimenti kollha tal-Komunità, skond l-Artikoli li jsegwu.

Artikolu 2

1. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' listi bażiċi u perjodiċi u aċċess għal żoni preskritti fl-Att ta' Adeżjoni jew fl-implimentazzjoni tiegħu għandhom jiġu mħassra. Bla ħsara għall-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92, il-bastimenti tas-sajd kollha tal-Komunità għandu jkollhom aċċess liberu għal ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew fil-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom jidħlu fis-seħħ, għaż-żoni u r-riżorsi msemmija fl-Artikolu3, fid-data tad-dħul fis-seħħ tal-miżuri tal-Komunità adottati mill-Kunsill skond l-Artikolu 3. Għaż-żoni u r-riżorsi msemmija fl-Artikolu 4 għandhom jidħlu fis-seħħ biss meta jiġu adottati miżuri skond l-Artikolu 4.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat proposti dwar il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 1994 u l-Kunsill għandu jieħu azzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1995.

Artikolu 3

1. Il-Kunsill għandu, skond l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92, jadotta l-miżuri tal-Komunità li jippreskrivu l-kondizzjonijiet għall-aċċess għaż-żoni u r-riżorsi bla ħsara għar-regoli speċifiċi skond l-Artikoli 156 sa 166 u 347 sa 356 ta' l-Att ta' Adeżjoni. Dawn il-miżuri għandhom jinkludu restrizzjonijiet dwar l-isfruttament.

2. F'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-politika komuni tas-sajd u partikolarment l-istabbilità relattiva, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 iridu jqisu f'kull każ individwali l-iżvilupp ta' possibiltajiet ta' sajd.

3. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mal-prinċipju li ma jkunx hemm żieda fl-isforz għas-sajd li l-livell tiegħu hu preskritt fl-Artikoli 158, 160, 164, 165, 349, 351 u 352 ta' l-Att ta' Adeżjoni.. Għandhom ukoll jiddisponu għal tnaqqis f'dak l-isforz għas-sajd jekk l-iżvilupp tar-riżorsi joħloq il-ħtieġa ta' tnaqqis ġenerali ta' possibiltajiet ta' sajd.

Artikolu 4

Għal żoni u riżorsi għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 3, bl-eċċezzjoni ta' dawk suġġetti fil-31 ta' Diċembru 1993 għal restrizzjonijiet kwantitattivi fil-qbid, il-Kunsill għandu, biex jitħarsu l-prinċipji ġenerali tal-politika komuni tas-sajd, jadotta skond l-Artikoli 4 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3760/92 il-miżuri tal-Komunità li jippreskrivu l-kondizzjonijiet dwar aċċess, inklużi restrizzjonijiet dwar l-isfruttament, waqt li jieħu f'konsiderazzjoni l-attivitajiet tas-sajd waqt perjodu reċenti u rappreżentattiv.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Mejju 1994.

Għall-Kunsill

Il-President

G. MORAITIS